**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTONIO G. VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 5 ta' Ottubru 2023**

**<u>Rikors nru : 42/2020AGV ;</u>**

**V A**

**Vs**

**SA**

Il-Qorti,

**Rat ir-Rikors guramentat tar-rikorrenti, datat 19 ta' Frar 2020 fejn ippremettiet is-segwenti:-**

1. Premess li hija omm il-minuri M AA , illi ghandha hdax-il sena u twieldet fl- 24 ta' Awissu 2008.
2. Premess li l-intimat huwa l- missier naturali tal- imsemmija minuri.
3. Premess li l-intimat missier il-minuri ma hallasx manteniment ghal bintu qatt u ghalhekk l-esponenti trid li l-intimat jigi ordnat ihallas retta alimentari ghal bintu u li ukoll huwa jhallasha l-arretrati ta' mantenimenti li qatt ma hallas ghat-trobbija ta' bintu.
4. Premess li minkejja li interpellat l-intimat baqa' inadempjenti u anka kien hemm process ta' medjazzjoni f'dan is-sens. Illi r-rikorrenti giet awtorizzata tiftah proceduri b' digriet tal-dina l- Onorabbli Qorti , tas- 7 ta' Frar 2020 u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**Jghid ghalhekk l- intimat ghaliex ma ghandhix din l-Onorabbli Qorti:-**

**1.** Tordna lill-intimat ihallas retta alimentarja ghal bintu MAA kull xahar, liema manteniment ghandu anka jirrifletti d-dhul li ghandu l-intimat.

2. Tordna lil intimat jikkontribwixxi billi jhallas l-ispejjez edukattivi u medici ghal minuri bintu msemmija.

3. Tillikwida somma shiha komplessiva, li l-intimat ghandu jhallas lir-rikorrenti rapprezentanti arretrati ta' manteniment dovuti ghat-trobbija tal-imsemmija bintu M AA, in kwantu li l-intimat, qatt ma kkontribwixxa ghat-trobbija ta' bintu, kif ser jirrizulta waqt l-istess kawza.
4. Tordna lil intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' arretrati hekk likwidati.

Bl-ispejjez , bl-imghax mid-data ta' prezentata ta' din ic-citazzjoni, u b' hekk , l-intimat jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata ta' SA fejn eccepixxa illi :-

1. Illi fl-ewwel lok, u in linea preliminari, l-azzjoni odjerni hija milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, dwar il-mertu, l-esponent ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mill-attrici fir-rikors guramentat taghha, liema huma inveritieri u nfondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent jirriserva minn issa d-dritt li jressaq xhieda in sostenn.

3. Illi brevement jinghad illi minn frekwentazzjoni qasira, bejn il-kontendenti nhar l-24 t'Awwissu 2008 twieldet il-bint minuri MAA

4. Illi jirrizulta li l-esponent ried ikun involut fil-hajja tal-bint minuri, izda l-attrici ppreferiet tirregistraha bhala bint "missier mhux maghruf" sabiex tottjeni l-ghajnuna socjali minghand l-Istat, kif del resto dejjem ghamlet.

5. Illi fil-fatt il-partijiet kienu anke attendew ghall-medjazzjoni fis-sena 2009 u dak iz-zmien l-esponent kien anke ried jirikonoxxi lill-bintu u jkun partecipi f'hajjitha, izda r-rikorrenti dejjem insistiet illi hi ma kellhiex bzonnu u dan kif ser jirrizulta mill-provi.

6. Illi dan kollu bir-rispett jirrizulta wkoll mir-rikors guramentat innifsu f'liema hija qed titlob biss manteniment u arretrati tal-istess, minghajr ma

talbet xejn dwar kura u kustodja u/jew access li huwa ghandu jgawdi versu bintu l-Minuri.

Illi ghaldaqstant, fir-rigward tat-talbiet, l-esponent jissottometti s-segwenti:-

1. Illi l-esponent m'ghandux diffikulta` illi jmantni lill-bintu skont il-mezzi u l-qliegh tieghu, dawk tal-Omm u fuq kollox il-bzonnijiet tal-Minuri.

2. Illi bl-istess mod, l-esponent ma jopponix li jhallas sehemu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ta' bintu; izda tali spejjez ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u mhux ikunu kollha a karigu tieghu kif qed jintalab.

3. Illi fir-rigward tat-tielet u r-raba' talbiet, l-esponent jopponi bil-qawwa ghall-istess u fi kwalunkwe kaz, jissottometti illi l-istess talbiet huma milquta bil-preskrizzjoni kwinkwennali kontemplata fl-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u dan kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza.

4. Illi finalment, l-esponent jopponi wkoll ghall-ispejjez kollha tal-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat ir-Rikors Guramentat ta' SA** fejn ippremetta:-

1. Illi minn frekwentazzjoni qasira, bejn il-kontendenti nhar l-24 t'Awwissu 2008 twieldet il-bint minuri MAA.

2. Illi jirrizulta li l-esponent ried ikun involut fil-hajja tal-bint minuri, izda l-attrici ppreferiet tirregistraha bhala bint "missier mhux maghruf" sabiex tottjeni l-ghajnuna socjali minghand l-Istat, kif del resto dejjem ghamlet.

3. Illi fil-fatt il-partijiet kienu anke attendew ghall-medjazzjoni fis-sena 2009 u dak iz-zmien l-esponent kien anke ried jirrikonoxxi lill-bintu u jkun partecipi f'hajjitha, izda r-rikorrenti dejjem insistiet illi hi ma kellhiex bzonnu.

4. Illi dan kollu bir-rispett jirrizulta wkoll mir-rikors guramentat innifsu f'liema hija qed titlob biss manteniment u arretrati tal-istess, minghajr ma talbet xejn dwar kura u kustodja u/jew access li huwa ghandu jgawdi versu bintu l-Minuri tant li l-esponent kellu jipprosegwi b'din il-kontrotalba.

Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenzjonata, ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-bint konguntivament f'idejn il-partijiet; b'dana illi d-decizjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u cioe` dawk ta' edukazzjoni, sahha u decizjonijiet dwar il-hrug o meno` ta' passaport, jittiehdu mill-partijiet flimkien.

2. Tiffissa granet u hinijiet t'access ampju, inkluz sleepovers, illi l-konvenut rikonvenzjonant ghandu jkollu versu bintu; inkluz provvediment dwar

gheluq sninu, gheluq snin il-minuri, festi pubblici u l-vaganzi tas-Sajf, tal-Ghid, tal-Karnival u tal-Milied.

3. Taghti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni li jikkoncernaw lill-minuri, fosthom izda mhux limitatament dwar kif ghandu jigi regolat is-safar tal-minuri, l-attendenza tal-minuri ghall-iskola u attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenzjonata li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

**Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-attrici VA fejn eccepiet is-segwenti:-**

1.Illi prelimarjament il-konvenut SA , ma kienx awtorizzat minn din il-Qorti, biex iressaq kawzali u talbiet kif hu qed jittanta li jaghmel permezz tal- kontro talba tieghu .

2. Illi l-eccipjenti rikorrenti, tikkontesta bil-qawwa l-allegazzjonijiet tal-konvenut u dan ghaliex ser jirrizulta mil-provi, fil-fatt l-misser qatt ma ried ikun involut fit-trobbija tal-minuri.

3. Illi l-missier konvenut qas qatt ma kontribwixxa b' xi mod ghat-trobbija ta' bintu, li trabbiet biss bl-assistenza u min-naha tal-eccipjenti . Li dejjem rrsistiet wehidha sabiex tipprova taghti l-ahjar trobbija lit-tifla.

4.Illi jkun utli li jigu allegati l-atti tal-kawza fl-ismijiet ' VA vs Direttur Registru Pubbliku et , u dan sabiex jigi kjarifikat li l-konvenut missier mhux talli ma riedx jigi skritt bhala missier naturali, kif qieghed issa jallega, izda li sahansitra l-esponenti kienet kostretta taghmel proceduri kontenzjuzi biex it-

tifla jkollha missier naturali taghha indikat fuq ic-certifikat tat-twelid . Illi dawn l-proceduri, l-esponenti kienet kostretta taghmilhom, wara li kienet interpellat lil konvenut, u anka waqt proceduri ta' medjazzjoni.

5. Illi l-missier naturali qatt ma qatta' hin ma' bintu u ghalhekk il-Qorti ghandha l-ewwel tisma' lil minuri li ghandha 12- il sena halli l-Qorti tisma' hi kif l-misser,qatt ma involva ruhu f' hajjiet il-minuri.

6.Illi dovut dawn ic-cirkostanzi, it-talba ghal kura u kustodja hija kkontestata u hija kkontestata ukoll talba ghal sleep overs.

7.Illi dwar access dana jekk il-Qorti jhoss li ghandu jinghata lil missier , l-istess access irid ikun wiehed meqjus ghal-ahhar u li jirrfletti l-verita' ta' bint u missier li qatt ma kellhom kuntatt bejniethom. Peress li l-missier iddecieda li b' dan il-mod ma jghinx ghat-trobbija ta' bintu.

8.Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat ir-Rapport ta' Dr.Sandra Sladden datat 12 ta' Frar, 2021[1]

Rat ukoll ir-rapport tas-social worker Doreen Camilleri li gie pprezentat fl-20 ta' Settembru, 2021.[2]

**FATTI**

Il-partijiet kienu damu xi tmien xhur f'relazzjoni u waqt dina r-relazzjoni kienet inqabdet tqila. Illum it-tifla ghandha erbatax-il sena, izda meta l-konvenut kien sar jaf li kienu qed jistennew tarbija, riedha taghmel abort, imma ma riditx taf.

---

[1] Fol. 280

[2] Fol. 293

Minn hawn ir-relazzjoni taghhom intemmet u l-konvenut beda jinsisti li ma riedx jirrikonoxxi t-tarbija ghaliex kellu d-dubbji jekk verament it-tifla kinitx tieghu. Meta l-attrici kienet talbitu sabiex jirrikonoxxiha peress li kellhom jirregistrawha rrifjuta u in kontro-ezami tinsisti li kienet identifikat ruhha bhala *single mother,* peress li l-konvenut ma riedx jirrikonoxxi lit-tarbija.

Fil-fatt ghamel id-DNA tests li kkonfermaw li kien il-missier, izda madanakollu rrifjuta li t-tarbija tigi rregistrata fuq ismu, tant li kellha tiftah proceduri l-Qorti, fejn il-konvenut gie rikonoxxut bhala l-missier naturali tat-tifla minuri u dan minn Lulju 2019.

Tammetti li ma kinitx fethet il-kawza zmien ilu peress li ma kellhiex il-mezzi li taghmel dan.

L-unika darba li l-konvenut kien xtara rigal ghall-bintu kien meta ghamlet il-Precett fejn kien taha €150 u arlogg tal-marka Ice Watch.

Tghid li l-konvenut qatt ma hallas manteniment u minn dejjem kienet hi li hallset ghall-bzonnijiet taghha, ghall-mizati tal-iskola li jammontaw ghal €520 fis-sena u kwalsiasi spejjes relatati  mal-iskola. Meta kienet infurmatu li kienet qed tattendi skola tal-Knisja beda jopponi u riedha tohrogha minn hemm ghax ma kienx dispost  li jhallas l-ispejjez. Tispjega ukoll li t-tifla tbati mill-asthma u ghalhekk fix-xitwa jizdiedu l-ispejjes medici.

Thallsilha ukoll l-ispejjez tal-privat.

L-attrici tghid li l-konvenut jahdem bhala port worker u ghalhekk l-introjtu tieghu huwa ta’ cirka €80,000 fis-sena u ghalhekk isostni li l-ordni tal-Qorti fil-mori tal-

proceduri sabiex il-konvenut ihallas €250 fix-xahar huwa ftit wisq meta wiehed iqis il-mezzi tieghu u inoltre ghandu ukoll ihallas nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

L-attrici qed tinsisti ukoll li l-konvenut jigi ordnat ihallas ghall-arretrati ta' manteniment u dan minhabba li qatt ma hallas manteniment ghall-istess bintu.

In kontro-ezami tispjega li waqt l-ewwel medjazzjoni, il-konvenut ried ihallas €150 u kienet accettat bil-patt li jhallas ukoll sehemhu mill-edukazzjoni u l-privat ghat-tifla. Tghid ukoll li  meta ftehmu fuq dan kienet tat lill-konvenut access li kien dam xi tlett xhur u kienet tkun prezenti hi ukoll, izda ma kienx hemm iktar minn dawn it-tlett xhur peress li kien qallha biex trabbi lit-tifla wahedha.

L-attrici tispjega li hi ukoll tahdem il-Freeport, bhala self-employed u tiddikjara li l-paga taghha tvarja ghax mhix fissa.

**Il-konvenut** ighid li hu jahdem bhala self-employed port worker u ilu jaghmel dan ix-xoghol ghall-ahhar 23 sena. Ir-relazzjoni mal-attrici ntemmet peress li ma setghux jaqblu.

Jispjega li kienu ltaqghu f'medjazzjoni sabiex jirrikonoxxi lit-tarbija , pero' ma kinux waslu fi ftehim ghax l-attrici kienet qed titlob cirka LM300 manteniment. Kienu lanqas infurmawh dwar it-twelid tat-tifla. Kienu mbaghad qablu li jsir id-DNA test minn fejn irrizulta li hija tieghu. Ighid li dejjem ried jirrikonoxxiha, izda ma gara xejn u jammetti ukoll li kien beda jghaddilha l-manteniment wara li hareg id-digriet fl-2020.

Il-konvenut jistqarr li kien iltaqa' mal-attrici meta kien biegh mobile lil missierha. Kienu damu f'relazzjoni ghal xi sena, meta l-attrici kienet qaltlu li kienet harget

tqila. Pero’ minhabba l-problemi li kien hemm bejniethom ma hassx li kellu jkompli bir-relazzjoni.

Jispjega li r-relazzjoni mat-tifla M bdiet meta kellha tlettax-il sena. Ighid li dan kien minhabba li l-attrici u l-familja taghha kienu jcahhduh milli jaraha. Kien biss wara li bdiet dina l-kawza li beda jaraha. Mhux dejjem isegwi l-access, madanakollu jghid li ghandu relazzjoni tajba maghha.

Meta l-attrici kienet fethet l-ewwel medjazzjoni fl-2008, kien dispost li jghaddi s-somma ta’ €150 ghat-tifla minuri M izda l-attrici ma tantx kienet ikkooperat u ma baqghet tidher ghall-medjazzjoni u kien biss fl-2019, li l-attrici regghet fethet medjazzjoni, li nqalqet fil-bidu tal-2020 peress li ma setghux jaslu ghall-ftehim.

Ighid li ma kienx accetta li jhallas lill-attrici s-somma ta’ €300 bhala manteniment ghat-tifla ghax rah wisq u dan oltre l-fatt li l-attrici ghandha paga tajba ta’ ‘l fuq minn €70,000 fis-sena peress li tahdem bhala port worker u udan oltre c-childrens allowance u l-beneficcji socjali.

Il-konvenut isemmi d-diversi spejjez li ghandu li jinkludu l-loans, internet, tv u telephone, kontijiet tad-dawl u ilma u dan meta ghandu paga ta’ €1,200 fix-xahar. Oltre dan jircievi c-cekk tal-*moves* li jinhadmu fuq kemm wiehed jahdem. Hemm ic-cekk tar-*rolo* ukoll li jinhadem fuq dak li wiehed jahdem. Jekk wiehed ma jippartecipax ghax-xoghol jaqla’ €120 kull hmistax.

Izid ighid li jekk wiehed jaghmel hmistax fix-xahar *lashing* biss jaqla’ €3500. Jammetti li hu jaghmel *lashing* darba fix-xahar biss.

In kontro-ezami jammetti li l-paga tieghu tvarja u gieli qala’ €40, 000 u gieli anqas.

Jispjega ukoll li jhallas manteniment ghall-minuri M  li jammonta ghal €250 fix-xahar u jhallas €150 ghal tifla ohra K li twieldet minn relazzjoni ohra.

In kontro-ezami jghid li qatt ma fetah proceduri peress li meta kien ikun qed jaghmel dak il-hsieb, dejjem isib azzjoni hazina da parti tal-attrici u fil-fatt hemm diversi rapporti f'dan is-sens.

Jikkonferma li kien hu li kien ghamel id-DNA tests ghax kellu d-dubbji tieghu jekk M  kinitx bintu jew le.

Dwar ir-rigali li kien tah ta' flus fil-Precett, ighid li l-attrici kienet harqithom u tellghathom fuq Facebook.

Ighid ukoll li l-attrici kienet qaltlu li t-tifla tbati mill-croup meta beda jaraha.

**Joanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet, irrizultaw is-segwenti kontijiet bankarji:-

a) F'isem il-konvenut irrizultaw sitt kontijiet – savings account[3]
b) Kont ta' credit card[4]

**Lorraine Attard**, in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta plc. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet fuq il-konvenut jirrizulta li kien hemm kont kurrenti li

[3] Dok. JB 1
[4] Dok. JB 2

nghalaq fl-4 ta' Jannar, 2017,[5] kif ukoll kellu kont savings li nghalaq ukoll fl-4 ta' Lulju, 2017.[6]

**Mario Portelli**, in rapprezentanza ta' Trasport Malta, ikkonferma li l-konvenut jahdem bhala Licence Port Worker u esebixxa l-FS3' s tieghu tal-ahhar tlett snin.[7]

**CA** omm l-attrici kienet iltaqghet mal-konvenut meta kien qed johrog mal-attrici u kienu ghadhom kemm gew lura minn weekend break. Kien hawn li l-konvenut kien wissiha li kien hemm cans li ssir nanna u kien talabha biex ighinuhom irabbuha, izda omm l-attrici kienet accertatu li ladarba jkun gab tarbija fid-dinja, kien ser ikollu jiehu hsiebha hu.

**Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. Ikkonfermat li mir-ricerka li ghamlet kien hemm is-segwenti kontijiet bankariji f'isem l-attrici:-

- Savings account bin-numru 40021320172 li ghadu miftuh;[8]
- Term deposit account bin-numru 40021320622 li ghadu miftuh;[9]
- Loan account numru 40021340343 li huwa maghluq;[10]
- Loan account numru 400222404039 li huwa maghluq;[11]
- Loan account numru 40025868135 li ghadu miftuh;[12]
- Savings account numru 40025868135;[13]

[5] Dok. LA 1
[6] Dok. LA 2
[7] Dok. MP 1
[8] Dok. JB 3
[9] Dok. JB 4
[10] Dok. JB 5
[11] Dok JB 6
[12] Dok. JB 7
[13] Dok. JB 8

- Credit card f'isem l-attrici li ghadu validu u hemm zewg statements peress li setghet irrappurtat li kien nieqes.[14]

Ikkonfermat ukoll li ma kienx hemm kontijiet ma' terzi.

**Lorraine Attard**, ghan-nom ta' HSBC Bank Malta plc. Tikkonferma li mir-ricerka li ghamlet irrizultawlha s-segwenti kontijiet bankarji:-

- Loan account numru 027059484309 li huwa maghluq;[15]
- Savings account bin-numru 227059484050 li huwa maghluq;[16]
- Savings account bin-numru 027059484051 li huwa maghluq;[17]
- Kont ta' credit card li huwa maghluq;[18]
- Kont ma' Mortgages Department Loan account f'isem l-attrici, Joseph Abela u Carmen Abela li huwa maghluq.[19]

**Daniel Azzopardi**, in rapprezentanza ta' BNF Bank ikkonferma li mir-ricerka li ghamel irrizulta li l-attrici ghandha current account bin-numru 663751.10.001 li ghadu miftuh.[20]

**Saviour Azzopardi**, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kkonferma li l-attrici kienet qed tiehu diversi beneficcji u dan mis-sena 2008 u l-iktar li kienet qed tircievi kien mis-sena 2010 meta kien hemm ic-childrens allowance. Kellha diversi drabi *sickness benefits,* u *in work benefits*.[21]

Mit-2008 sallum irceviet €42, 170.

Irrimarkat ukoll il-beneficcji ta' *single mother* kienet tircevihom bejn is-snin 2008 -2009 u jinstabu taht it-tieni kolonna SP.

---

[14] Dok. JB 9 u JB 10
[15] LA 3
[16] LA 4
[17] LA 5
[18] LA 6
[19] LA 7
[20] Dok. DA 1
[21] Dok. ST 1

**Christian Bartolo** ghan-nom ta' FSWS Foundation for Social Welfare Services jikkonferma li l-attrici hija mpjegata tal-Fondazzjoni u ilha mpjegata sa mis-17 ta' Awissu, 2020 l-ewwel bhala *trainee support worker* u prezentement bhala *social support worker*. Ipprezenta l-payslips taghha bejn Jannar u Mejju, 2022[22] u l-FS3 's tas-snin 2020 u 2021.[23]

**Dr. Robert Vassallo,** ghan-nom ta' Transport Malta kkonferma li l-attrici hija mpjegata bhala *auxiliary port worker* mal-Malta Dockers Union. Dwar il-konvenut jikkonferma li ghandu licenzja ta' port worker u ilu xi ghaxar snin fil-pussess ta' dina l-licenzja.

**Doreen Camilleri,** rapprezentant tal-Agenzija Appogg ikkonfermat li kienet iltaqghet mal-attrici sabiex thejji rapport. Tghid li ma tiftakarx u lanqas kienet taf li l-attrici tahdem bhala support supervisor fl-Agenzija Appogg.

Tghid li hejjiet ir-rapport wara li ltaqghet mal-partijiet u mat-tifla minuri. Tikkonferma li r-rapport imur ghand il-manager taghha li hija Ingrid Baldacchino, li tghaddilha l-feedback taghha. Tikkonferma li kienet irrangat ir-rapport skond ir-rakkomandazzjonijiet u tghid li kienu juru x-xewqat tat-tifla.

**Ing. Ryan Fava**, President tal-Malta Dockers Union jikkonferma li l-konvenut huwa *licensed port worker* u membru tal-ghaqda taghhom. Jispjega li x-xoghol tieghu jinvolvi il-maniggjar tal-merkanzija minn fuq il-bastiment ghal fuq il-moll u vice-versa mill-moll ghall-fuq il-bastiment. Jinvolvi ukoll ix-xoghol ta' sewqan, *lashing* u *handling* ukoll.

Dwar l-attrici jghid li din ghandha kuntratt mal-Malta Dockers Union, biex taghmel xoghol ta' sewqan biss  fil-Freeport.

---

[22] Fol.363 - 366
[23] Fol. 361-362

## **KONSIDERAZZJONIJIET**

## **Kontro-Talba**

Il-konvenutipprezenta kontro-talba sabiex jitlob li l-minuri tinghata fil-kura u kustodja tal-partijiet konguntivament, flimkien mal-access u *sleepovers* u proveddimenti dwar safar, attendenza ghall-iskola, kif ukoll attivitajiet edukattivi ohra u extra-kurrikulari.

L-attrici eccepiet li dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda u dan peress li r-rikors promotur jirrelata limitatament ghall-hlas ta' manteniment u arretrati.

Ciononstante dina l-Qorti ikkunsidrat dawn it-talbiet u sahanistra nnominat lil Dr. Sandra Sladden bhala avukat tat-tfal, kif ukoll Doreen Camilleri, fil-kapacita' taghha ta' social worker fi hdan id-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal.

Il-partijiet qablu lkoll mar-rakkomandazzjonijiet kemm ta' Dr. Sandra Sladden, kif ukoll ta' Doreen Camilleri[24] li ghalhekk iwassal lil dina l-Qorti sabiex tikkonkludi li l-kura u kustodja ghandha tibqa' esklussiva ghall-attrici.

Dwar l-access, ma hemmx iktar htiega li dan isir taht supervizjoni u ghandu jigi ezercitat kull nhar ta' Hadd bejn id-9 am sas-6 pm u s-Sibt darba fix-xahar biss u fl-istess hinijiet, diment li dejjem ikun hemm prezenti, K bint il-konvenut li twieldet minn relazzjoni ohra. Inoltre ma jkunx hemm *sleepovers* ghalissa sakemm it-tifla minuri M  ma turix ix-xewqa.

## **Preskrizzjoni**

Il-Qorti, se tibda billi tikkwota l-Artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 2156(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

*2123. Il-preskrizzjoni ma timxix -*

[24] Verbal a fol. 289 u 303

*(a) bejn il-ġenitur u t-tifel li hu taħt is-setgħa tal-ġenituri;*

*2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*

*(b) l-azzjonijiet għall-ħlas ta' pensjoni għall-manteniment;*

Fis-sentenza **Ottilie Micallef pro.et.noe. vs Jason Joseph Mifsud**[25] dina l-Qorti nghatat l-opportunita' li tidhol fil-profond ta' dawn id-diversi disposizzjonjiet tal-ligi li jikkontemplaw il-preskrizzjoni f'kawzi ta' materja simili. Din il-Qorti, kif diversament ippreseduta kellha xi tghid hekk:-

***"Tajjeb li jigi puntwalizzat mill-ewwel illi din il-Qorti hi ta' l-opinjoni illi kemm fil-kaz fejn il-manteniment ikun gie stabbilit b'konvenzjoni u kemm fil-kaz li jkun gie hekk iffissat b'sentenza il-preskrizzjoni, una volta verifikata, ghandha tircievi akkoljiment. Difatti l-Artikolu 2156(b) ma jaghmilx distinzjoni bejn l-ipotesi l-wahda jew l-ohra. Ubi lex voluit, dixit. Jikkolpixxi kwalsiasi azzjoni, indipendentement minn fejn originat, "ghall-hlas ta' pensjoni ghall-manteniment".***

***Hawnhekk il-Qorti qalet li meta tigi eccepita l-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2156(b), din l-eccezzjoni ghandha tintlaqa' indipendentement minn fejn originat it-talba. Madanakollu din is-sentenza ma' ssemmix l-artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta (ghad-differenza ta' x'ghamlet l-abbli difensur tal-attrici f'din il-kawza – emfazi ta' dina l-Qorti), u ghalhekk il-Qorti***

[25] Rik. Nru. 107/2015 Deciza fl-14 ta' April, 2016 AL

***ser tidhol fid-dettal dwar jekk il-preskrizzjoni effettivament imxietx bejn il-konvenut u l-attrici ghan-nom ta' bintha."***

***Huwa veru li ubi lex voluit dixit, u l-Qorti thoss, li ladarba l-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jaghmilha cara li l-preskrizzjoni ma timxix bejn il-genitur u t-tifel li huwa taht is-setgha tal-genituri, il-Qorti tara li ghandha tapplika l-Artikolu 2123(b) f'sens restrittiv, u li ghalhekk l-Artikolu 2156(b) m'ghandux japplika bejn il-genitur u l-minuri. Wara kollox din il-kawza qed issir mill-attrici ghan-nom ta' bintha li ghadha minorenni.***

***L-Artikolu 2123(b) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jezisti ghal raguni specifika, u dan biex il-qrati jharsu d-drittijiet kollha ta' l-ulied u tal-familja in generali, u ghalhekk, ladarba dan l-artikolu huwa daqshekk car ma jistax ma jittihiedx in konsiderazzjoni minn din il-Qorti."***

L-attrici qed titlob l-arretrati ta' manteniment ghall-ispejjes li harget hi ghall-bzonnijiet ta' binthom, meta effettivament, il-konvenut kellu ukoll johrog sehemhu. Ghaldaqstant, il-flus li qed jintalbu mill-attrici huma ghal M u ghalhekk jidhol in vigore l-effett tal-Artikolu 2123 (b) fuq l-Artikolu 2156(b) u cioe' li l-preskrizzjoni ma tigrix bejn il-genitur u l-wild sakemm dak il-wild ghadu taht is-setgha tal-genituri. Ikun ferm differenti l-kaz jekk kemm il-darba, it-tifla saret maggorenni fil-mori tal-kawza ghaliex f'dak il-kaz, il-preskrizzjoni kienet tkun applikabbli sakemm mhux sospiza jew interrotta.

Ghaldaqstant, dina l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi respinta.

**<u>Manteniment</u>**

Il-Qorti tosserva illi l-konvenut ghandu dover fondamentali tal-genitur li jipprovdi manteniment lil uliedu, liema manteniment jinkludi wkoll fih spejjez

dovuti ghas-sahha u edukazzjoni. Il-Kodici Civili jiddefinixxi bil-mod segwenti dan l-obbligu tal-genitur, fl-**Artikolu 3B**:-

***(i)*** ***Iż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ skont il-ħila, xeħtiet naturali u aspirazzjonijiet tal-ulied.***

Imbaghad, fis-Sub-titolu II intitolat *"Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet Bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa*", insibu l-**Artikolu 7** li jipprovdi hekk:-

***(1) Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B.***

**Artikolu 19**

***(1) Fil-manteniment jidħlu l-ikel, l-ilbies, is-saħħa u l-abitazzjoni.***

***(2) Fil-manteniment li għandu jingħata lill-ulied u dixxendenti oħra, jidħlu wkoll l-ispejjeż meħtieġa għas-saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom.***

**Artikolu 54**

… omissis …

***(2) L-ammont tal-manteniment imsemmi fis-subartikolu (1), kif ukoll il-manteniment dovut lill-ulied f'każ ta' firda, jiġi stabbilit billi jitqiesu l-mezzi tal-miżżewġin, il-ħila tagħhom li jaħdmu u l-bżonnijiet tagħhom,***

***u għandhom jitqiesu wkoll iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha tal-miżżewġin u tal-ulied …***

***…omissis …"***

***[sottolinejar tal-Qorti] «***

Ghalkemm il-partijiet qatt ma kienu mizzewwgin japplikaw l-istess principji legali in kwantu huma l-genituri rispettivi ta' Mackenzie.

**Introjtu tal-Partijiet**

Mill-assjem tal-provi jirrizulta li l-attrici tahdem mal-Malta Dockers Union u mill-profit and loss account minnha esebita jirrizulta li l-introjtu li tippercepixxi bhala self-employed maghhom jammonta ghal €14, 000 fis-sena.[26]

**Christian Bartolo** ghan-nom ta' FSWS Foundation for Social Welfare Services jikkonferma li l-attrici hija mpjegata tal-Fondazzjoni u ilha mpjegata sa mis-17 ta' Awissu, 2020 l-ewwel bhala *trainee support worker* u prezentement bhala *social support worker* fejn is-salarju bazi taghha ghas-sena 2022 jammonta ghal €17,319 u addizzjonalment ikollha *challenging behaviour allowance* ta' €900 per annum.

Ghalhekk in total, jirrizulta li l-attrici ghandha introjtu ta' €32,219.

Ghandu jigi rilevat ukoll li l-attrici ghamlet zmien tircievi l-beneficcji socjali u dan kien  mis-sena 2008 fejn tul iz-zmien kienet irceviet cirka €42, 000.

Il-konvenut jahdem bhala *licensed port worker* fil-Freeport u meta xehed ma kienx konsistenti dwar l-introjtu tieghu. Ighid li jaqla €1200 fix-xahar, meta

[26] Ara fol. 392 sa fol.404

effettivament l-FS3's tieghu li gew ipprezentati minnn Mario Portelli, in rapprezentanza ta' Transport Malta juru li l-introjtu tieghu huwa ferm ikbar.

Ghas-sena bazi 2017 gie ddikjarat li qala' €54,855 gross, ghas-sena bazi 2018 gie ddikjarat li qala' €53,310 gross u ghas-sena bazi 2019 gie ddikjarat li qala' €46,875 gross u li ghalhekk certament mhux l-introjtu li baqa' jinsisti li jaqla'.

Huwa minnu ukoll li l-attrici ma taqlax paga ta' €70,000 li beda jinsisti l-konvenut li taqla'. Ghalhekk jirrizulta li hemm inkonsistenzi fuq dak li huwa l-introjtu tal-partijiet, pero' dina l-Qorti jkollha toqghod fuq id-dokumentazzjoni tal-FS3's tal-partijiet li jaghtu stampa u indikazzjoni cara ta' dak li verament huma l-mezzi tal-partijet.

**Bzonnijiet tat-tifla M**

Il-konvenut jilmenta li l-attrici ma tistax tippretendi li tircievi ammont ta' manteniment ghall-bzonnijiet ta' binthom, meta lanqas idenjat ruhha tipprezenta rcevuti jew tal-anqas prospett sabiex tikkonferma x'nefqa mensili jew annwali ghandha ghal M

Giet ipprezentata rcevuta tad-donazzjoni li thallas ghall-iskola li tammonta ghall-€170 kull term.[27] Dawn id-donazzjonijiet mhumiex tassativi, izda l-attrici ghazlet li thallashom u dawn huma kkonfermati bhala parti mis-sistema edukattiva tal-iskejjel tal-Knisja. Maghhom s'intendi hemm spejjes relatati mal-edukazzjoni taghha u cioe' spejjes ta' kotba, uniformijiet u stationery li ghalkemm l-attrici naqset li tipprezenta stima tal-ispejjes dawn mhux ikkontestati ghax realment kull genitur ghandu dina l-ispiza kull sena sakemm it-tfal ikunu ghadhom qed jistudjaw.

---

[27] Ara fol. 49

Jirrizulta ukoll li l-minuri kienet tbati minn *croup* u dan minhabba l-asthma li jikkonferma l-istess konvenut li kien hemm membri tal-familja tieghu, inkluz hu li kienu jbatu minnha. L-attrici kkonfermat li kienet tonfoq €47 fix-xahar ghall-medicina ghal tlett snin shah li jammontaw ghan-nefqa ta' €1, 692.

**<u>Digriet ta' Manteniment</u>**

Fis-6 ta' Lulju, 2020 dina l-Qorti kienet harget digriet fejn ordnat li l-manteniment *pendente lite* ghall-minuri kellu jkun dak ta' €250 fix-xahar, liema ammont jinkludi fih nofs l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha.

Dan id-digriet inghata in segwitu ghal rikors ipprezentat mill-attrici u meta l-kawza u l-gbir tal-provi ma kienux ghadhom ipprosegwew sew sabiex dina l-Qorti jkollha stampa cara tal-mezzi tal-partijiet u ghalhekk "pendente lite."

Issa, li l-provi gew konkluzi jirrizulta car li l-partijiet ghandhom bejn wiehed u iehor l-istess paga, da parti tal-konvenut ftit iktar milli dak tal-attrici. Ghalhekk, il-*quantum* li gie ordnat fid-digriet fuq imsemmi ma jirriflettix bilanc bejn il-mezzi tal-partijiet u hawnhekk taqbel mas-sottomissjoni tal-attrici li f'wiehed mir-rikors inizjali talbet li kienet tikkuntenta b'€300 fix-xahar li huwa iktar ammont realistiku u riflessjoni tal-mezzi tal-konvenut.

Oltre minn hekk, l-attrici ssottomettiet ukoll li tippreferi li l-ammont ghall-edukazzjoni u sahha jigi nkluz fl-istess ammont ta' manteniment sabiex jigi evitat kwalsiasi dizgwid mal-konvenut.

Il-Qorti tirritjeni li dawn l-ispejjes edukattivi jinvolvu ukoll spejjes extra-kurrikulari, apparti spejjes ta' kotba, uniformijiet, donazzjonijiet u stationery u dawn apparti l-ispejjes tas-sahha.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti thoss li €150 ohra fix-xahar ikunu soddisfacenti sabiex ikopru sehem il-konvenut (nofs) minn dawn l-ispejjes ta' edukazzjoni u sahha.

Ghaldaqstant, il-konvenut ghandu jigi ordnat ihallas is-somma ta' €450 fix-xahar (€300 + €150) li ghalhekk jikkomprendi fih nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha. L-istess ammont ta' manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja u ghandu jibqa' jithallas sakemm it-tifla ssir maggorenni, jew tibda tahdem jew jekk tibqa' tistudja fuq bazi full-time sakemm taghlaq 23 sena.

**<u>Arretrati ta' Manteniment</u>**

L-attrici qed tippretendi li l-konvenut ihallas arretrati ta' manteniment ghall-bintu sa mid-data tat-twelid taghha u cioe' mill-24 ta' Awissu, 2008 u dan peress li qatt ma hallas jew ikkontribwixxa ghall-ghixjien taghha.

Huwa fatt ikkonfermat li l-konvenut ma rrikonoxxix lil bintu immedjatament u kien ghamel DNA test peress li kellu d-dubbji tieghu kemm verament it-tifla kienet tieghu. Dan gie kkonfermat b'sentenza ta' dina l-Qorti datata 17 ta' Lulju, 2019 fejn il-konvenut gie ddikjarat bhala l-missier naturali u bijologiku tal-minuri.

Mistoqsi in kontro-ezami kemm il-darba ghalfejn mis-sena 2008 sallum, il-konvenut qatt ma hass li kellu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' bintu M, ighid li kien hemm tentattivi ta' medjazzjoni f'dan ir-rispett izda qatt ma waslu. L-attrici, anzi tinsisti li l-konvenut kien telaq u ma deherx u qalilha li ghandha trabbi t-tifla wahedha. Kien anke oppona li tibghatha go skola tal-Knisja.

Skond l-attrici kull ma kien taha lil bintu kien arlogg ghall-Precett u kien taha €150 bhala rigal, li skond il-konvenut inharqu mill-attrici u seta' jikkonfermah minn post li poggiet l-attrici fuq Facebook li huma m'ghandhomx bzonn il-flus tieghu ghax mhux mejtin bil-guh.[28]

[28] Dok. SA1 a fol. 427 tal-process

Irrispettivament minn dawn l-incidenti, il-*fatto sta*, li l-konvenut huwa missier Mackenzie u bhala tali, hu x'inhu l-introjtu tieghu ghandu dejjem l-obbligu li jikkontribwixxi lejn il-bzonnijiet ta' bintu.

Fil-kaz **Victor Degabriele vs Kristina Dalli** deciza fil-31 ta' Jannar, 2017, il-Qorti ddecidiet hekk:-

"***Jirrizulta assodat fil-gurisprudenza patria illi l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied b'dan li t-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-istess. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jigi kkalkulat skond id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jew ahjar skond il-mezzi taghhom u l-bzonnijiet tal-minuri, dejjem fl-interess suprem tal-istess minuri. L-obbligu ghall-manteniment tal-ulied m'huwiex marubt mal-impjieg jew mal-introjtu tal-genituri izda huwa obbligu assolut. Jezistu elementi importanti in materja ta' manteniment bhal ma huma l-ispejjez bazici ta' spiza ghall-hajja u ghall-edukazzjoni tal-minuri li jridu jigu soddisfatti mill-obbligat, ikun xi jkun id-dhul tieghu sakemm il-Qorti tqis li dak il-minimu ikun fil-possibilitajiet tieghu (…omissis…). Huwa gust ghalhekk illi d-drittjiet tal-konvenut jigu f'dan ir-rigward pjenament rizervati."*** [29]

Ghandu jigi rilevat ukoll li mis-sena 2008 sallum ghaddew diversi snin u ghalhekk il-bzonnijiet ta' dak iz-zmien certament mhumiex il-bzonnijiet ta' llum u kif dina l-Qorti diga' kienet accennat fil-kaz **ta' Denise Simler pro. et. noe. Vs Albert Zerafa deciza fid-29 ta' Novembru, 2022,** dawn ic-cirkostanzi ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni ai finijiet tal-quantum tal-manteniment.

[29] Rik. 53/2016 RGM

Ghaldaqstant, il-Qorti ser tilqa' t-talba tal-attrici ghall-arretrati ta' manteniment, izda l-quantum tal-istess ghandu jigi kkalkolat diversament ghal kull perjodu li huma s-segwenti:-

**i)** 2008-2012 - €150 fix-xahar – 150 x 12 x 5 = **€9,000**

ii) 2013-2017 - €200 fix-xahar – 200 x 12 x 5 = **€12,000**

iii) 2018-30 ta' Gunju, 2020 – €250 – 250 x 30 xhur = **€7,500**

iv) 1 ta' Lulju, 2020 – sad-data tas-sentenza (5 ta' Ottubru, 2023) - €250 fix-xahar li jirrizulta dejjem thallsu x 39 xhur **= €9,750**

Effettivament, skond ma qed jigi deciz minn dina l-Qorti l-manteniment ghandu jkun fis-somma ta' €450 fix-xahar, li jinkludu nofs l-ispejjes edukattivi u tas-sahha.

i) Il-Qorti tqis li fic-cirkostanzi peress li l-mezzi tal-konvenut kif propost minnu ma kinux konvincenti u rrizulta mod iehor meta xehdu r-rapprezentanti ta' Transport Malta jwasslu lil dina l-Qorti sabiex tapplika dina s-somma ta' manteniment lura ghall-1 ta' Lulju, 2020, liema somma ghandha ghalhekk tammonta ghal **€17,550,** li minnhom jirrizulta li l-konvenut gia hallas **€9,750.** Ghalhekk il-bilanc dovut mill-konvenut ghal dan il-perjodu jammonta ghal **€7,800**.

**DECIDE:**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1.Tilqa' l-ewwel talba attrici kif fuq imfissra.

2.Tilqa' t-tieni talba attrici kif fuq imfissra.

3.Tilqa’ t-tielet talba attrici kif fuq imfissra.

4.Tilqa’ r-raba’ talba attrici kif fuq imfissra.

**Kontro-talba**

1.Tichad l-ewwel kontro-talba u tafda l-kura u kustodja esklussivament lill-attrici kif fuq imfisser.

2.Tilqa’ t-tieni kontro-talba limitatament kif fuq imfisser u sa fejn applikabbli.

3.Tichad it-tielet kontro-talba stante li l-kura u kustodja giet fdata lill-attrici u minhabba dak li gie deciz dwar l-access, sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor.

**L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.**

**Onor.Imhallef Anthony J. Vella** **Registratur**